Il-Mulej, Alla tiegħek, se jimxi miegħek; mhux se jħallik, u anqas jitilqek. (Dewteronomju 31, 6)

Inti l-blata u l-fortizza tiegħi (Salm 31, 4)

F'idejk jien nerħi ruħi; int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa. (Salm 31, 6)

Kenn u qawwa hu Alla għalina, għajnuna kbira sibnieh fid-dwejjaq. (Salm 46, 2)

Int, Sidi, twajjeb u taħfer, kollok tjieba għal kull min isejjaħlek. (Salm 86, 5)

Kenn tiegħi u qawwa tiegħi int, Alla tiegħi, jien fik nittama. (Salm 91, 2)

Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi. (Salm 119, 105)

Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu. (Salm 136, 1)

Inroddlok ħajr, għax b'mod tal-għaġeb għamiltni. (Salm 139, 14)

Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kull ma għamel. (Salm 145, 9)

Għax tweldilna tifel, ngħatalna iben; is-setgħa tkun fuq spallejh, u jsemmuh: Kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem. (Isaija 9, 5)

La tibżax għax jien miegħek. (Isaija 43, 5)

Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom. (Mattew 7, 12)

Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu. Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. (Mattew 22, 37-39)

Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien. (Mattew 28, 20)

Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu. (Luqa 2, 14)

Agħtu, u jingħatalkom (Luqa 6, 38)

Ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla. (1 Ġwanni 4, 7)

Alla hu mħabba. (1 Ġw 4, 8)

Aħna nħobbu, għax hu ħabbna l-ewwel. Jekk xi ħadd jgħid: "Jiena nħobb 'l Alla, u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah? (1 Ġwanni 4, 19-20)

Kull ħaġa tajba li tingħata u kull don perfett jiġi mis-sema. (Ġakbu 1, 17)

Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu. (Efesin 4, 32)